MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 169/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. N. Ciappara)**
**Vs**

**David Mallia**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) fil-19 ta' Settembru, 1999, fil-Bahrija w bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti, kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w psikotropika (Ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40 (A) u 120 (A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31**

**tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;**
**2) fid-19 ta' Settembru, 1999 u fil-granet ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza w dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Mejju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 40(A), 120(A)(1)(a), it-Tielet Skeda tal-Kap. 31, l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat u r-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni w illiberatu minnha w, wara li rat l-Artikolu 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni w ikkundannatu jhallas multa ta' mitt lira Maltija (LM100) kif ukoll ihallas nofs l-ispejjez tal-esperti jigifieri LM22.19c.
Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Mejju, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din illiberat lill-appellant mill-ewwel akkuza, u tirrevokaha in kwantu din sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza w ikkundannatu ghal LM100 multa w ikkundannatu jhallas LM22.19 ghall-ispejjez tal-espert.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1. li t-tieni akkuza li taghha nstab hati l-appellant nharget b' mod vag u la tirriferi ghal zmien, la ghal hin u lanqas ghal lok u ghalhekk l-appellant gie pregudikat fid-difiza tieghu. Ghalhekk l-akkuza hija proceduralment nulla u per kosegwenza s-sejba ta' htija ghandha tigi revokata. 2. li l-appellant spjega li kien kera l-fond fejn instabet id-droga ghaliex fi zmienijiet li jkun qed jorganizza parties kbar, huwa jgib numru ta' nies ohra biex jghinuh sabiex**

**minn hemm jorganizzaw dak kollu li jkun mehtieg li jigi preparat u dax-xoghol iwassal biex persuni jahdmu hemm gew lejl u nhar ghal hinijiet twal tal-gurnata. Il-fond kien mikri lill-appellant ghal ftit zmien u l-fatt li fil-komodina nstabet sustanza llegali ma jistax iwassal ghall-konkluzzjoni li dik is-sustanza kienet fil-kontroll tal-appellant. Kieku sabuha qalb l-oggetti tieghu personali kien ikun xort' ohra, izda din instabet f' komodina fejn numru ta' nies gieli qattghu granet u ljieli shah. Li t-tiffitxija saret wara d-19 ta' Settembru, 1999 u ghalhekk, anki kieku l-Qorti kellha tasal li tikkonsidra li l-appellant kien fil-pussess ta' tali sustanza , dan il-pussess ikun gie pruvat f' data differenti minn dik indikata fl-akkuza. 3. li il-piena nflitta hija wahda iebsa w timmerita li titnaqqas.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi dwar l-ewwel aggravju, it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hija redatta kif gej :-**

"….int akkuzat talli fid-19 ta' Settembru, 1999 u fil-granet ta' qabel din id-data kellek fil-pussess tieghek r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dana bi ksur tal-artikolu 8 (a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta."

**Illi huwa minnu li f' din l-akkuza la hemm riferenza ghall-post u lanqas ghall-hin, ghalkemm tissemma d-data tad-19 ta' Settembru, 1999 u l-granet ta' qabel. Jidher pero' li din l-eccezzjoni qed titqajjem biss f' dan l-istadju w li ma giet sollevata f' ebda stadju waqt il-proceduri li saru quddiem l-Ewwel Qorti. Meta bdiet il-kawza b' citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-**

**Prosekuzzjoni esebiet l-ordni tal-Avukat Generali mahrug bis-sahha tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) biex l-appellant jitressaq quddiem dik il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Fol. 5). Saru ghadd ta' seduti li fihom xehdu diversi xhieda inkluz l-appellant minn jeddu izda dil-kwistjoni tan-nullita' tac-citazzjoni jew ta' xi zvantagg jew irregolarita' procedurali qatt ma giet sollevata.**

**Illi l-artikolu 360 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li meta ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed skond il-ligi ghall-arrest ta' persuna imputata ta' reat, il-Pulizija Esekuttiva ghandha, b' ordni bil-miktub, tharrek lil dik il-persuna biex tidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Is-subartikolu (2) umbaghad jiddisponi li :-**

"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu setghu jinghataw …"

**Illi kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti fejn gew konsidrati aggravji simili, l-importanti hu li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni jkun bizzejjed biex l-appellant ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat fil-kawza (ara Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Martin Brincat**" [30.4.2003]** "Il-Pulizija vs. Leone Agius" **[23.6.2005] u ohrajn)**

**Issa f' dan il-kaz ic-citazzjoni tat-indikazzjoni tal-persuna mharrka, tal-fatti ta' l-akkuza u taz-zmien u l-unika haga li ma semmietx kien il-lok. Pero' jidher li l-appellant tant kien jaf ta' x' hiex kien qed jigi akkuzat li mhux biss qatt ma ssoleva din il-kwistjoni quddiem l-Ewwel Qorti imma sahansitra xehed fid-dettall biex jirribatti l-provi tal-prosekuzzjoni dwar is-sejba tad-droga fil-fond mikri lilu w l-akkuza ta' pussess semplici in konnessjoni ma din is-sejba.**

**Illi ghalhekk ma jirrizultax li l-appellant sofra xi pregudizzju fid-difiza tieghu kif qed jallega issa fir-**

**rikors tal-appell. Kien jidher car mid-depozizzjonijiet tax-xhud tal-prosekuzzjoni PS 1579 Johan Mifsud li din l-akkuza kienet tirriferi ukoll ghad-data indikata fic-citazzjoni u cioe' id-19 ta' Settembru, 1999 u ghas-sejbien** dak in-nhar stess **fil-komodina tal-kamra tas-sodda tal-fond mikri lilu go 72, Triq Birbal, Hal Balzan ta' bicca blokka kannella gewwa l-*foil* li kienet suspetta raza tal-cannabis u ta' xi tabakk, kif ukoll ta' bicca foil ohra b' xi pilloli suspettati li kienu extacy, sejbien li kien sar fil-prezenza tal-istess appellant u dan wara li kien fetah il-fond missieru stess. Meta hu gie biex jixhed quddiem l-Ewwel Qorti ha wkoll l-opportunita' biex jirribatti li dawn is-sustanzi, ghajr xi pilloli tal-azzma, ma kienux tieghu. Ghalhekk hu kellu kull opportunita' li jiddefendi ruhu anki fuq dan l-aspett tal-akkuza li taqa' taht it-tieni imputazzjoni w fil-fatt dan ghamlu. Ghalhekk dan l-aggravju jidher infondat .**

**Illi dwar it-tieni aggravju, dan jolqot l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**" [12.5.94;** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi **" [14.2.1989]; "I**l-Pulizija vs.

Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u hafna sentenzi ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(emfasi ta' din il-Qorti). (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet :** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati, trid tkun konvinta li l-*

*istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.**

**Illi l-provi kontra l-appellant huma x-xhieda ta' PS 1579 Johan Mifsud li xehed (fol. 48 sa 51) li waqt li fuq l-istruzzjonijiet tal-Ispettur Norbert Ciappara kienet qed issir tfittxija fil-fond 72, Triq Birbal, Hal Balzan, fuq il-komodina tal-kamra tas-sodda, fid-19 ta' Settembru, 1999, sab bicca blokka kannella gewwa l-foil suspettata raza tal-cannabis u xi tabakk u bicca foil ohra b' xi pilloli suspettati li kienu extacy. Umbaghad l-Ispettur Norbert Ciappara esebixxa dawn l-oggetti (fol. 10) u dawn gew markati hekk: Dok NC 5 : bicca foil li tikkontjeni pinnola li kienet suspettata li kienet extacy u bicca sustanza kannella suspettata raza tal-cannabis, xi tabakk u karta tar-rizla esebiti bhala Dok N6**

Hemm umbaghad ir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud li giet prezentata fis-seduta tat-22 t' April, 2004 (fol. 33 et seq.) Dan l-espert tal-Qorti Spizjar Mifsud irrelata li fid-dokument Dok. NC5 , (minnu mmarkat Dok. 04 ABE 05 ) li kien jikkonsisti f' bicca karta lewn il-fidda tas-sigarretti li go fiha kien hemm bicca pillola ta' lewn roza, din il-pillola kienet tikkontjeni biss kafejina, u cioe' Xanthine Stimulant li hi sustanza mhux kontrollata bil-ligi. Invece fid-dokument NC 6 (immarkat minnu bhala Dok. 04 ABE 06 ) konsisteni fi blokka ta' sustanza kannella li kienet imgezwra go bicca foil, kien hemm is-sustanza Tetrahydrocannabinol , sustanza li tigi mill-pjanta tal-cannabis u li hija kontrollata bil-ligi taht it-Taqsima III, sezzjoni 8 tal-Kap.101.

**Illi meta gie interrogat mill-Ispettur Norbert Ciappara (fol.13 sa 15) l-appellant, mistoqsi specifikatament : "*Minn tfittxija li saret gewwa d-dar tieghek f' Hal Balzan il-Pulizija elevaw bicca raza tal-cannabis u pillola extasy, dawn tieghek?"* wiegeb : *"le qatt ma***

***rajthom."*** **u mistoqsi** ***"Tista' taghti spjegazzjoni ta kif dawn l-oggetti spiccaw gewwa l-van u d-dar?"*****, wiegeb:** ***"Tal-van is-suspett tieghi hu li seta' kien hemm xi persuna tefaghha intenzjonalment biex wara li jcempel lill-Pulizija nehel jien u tad-dar jista' jkun xi hadd jew recentement jew milux poggihomli hu biex l-istess jekk issir tfittxija go dari ninqabad bihom."***

**Aktar 'l isfel fl-istqarrija tieghu meta gie mistoqsi** ***"Id-dar tieghek min joqghod minn barra int?" ,*** **irrisponda: "*Jien u Elena Cumbo*". Zied jghid pero' li sa fejn jaf hu lil Elena qatt ma raha tmiss droga u li hu qatt ma uza xi tip ta' droga.**

Fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, mistoqsija mid-difensur tieghu dwar is-sejba ta' god-dar f' Hal Balzan, l-appellant xehed li kien joqghod Hal Balzan u telaq minn hemm tlitt gimghat wara dan l-incident ghax ma riedx ikollu x' jaqsam aktar ma hemm. Il-post kien joqghod fih hu u jikrieh hu. Kulltant kienet tigi Elena it-tfaljla tieghu dak iz-zmien, mhux regolari, w kienu jigu xi hbieb peress li kien jorganizza dawn l-*events* jew *parties* fejn hu kien jikri post u forsi jgib xi DJ's, qiesu disco speci. Hu kien jipprepara kollox bhal *paperwork, banners* jew *billboards* mid-dar . Kienu jmorru jghinuh in-nies regolarment , xi tmin minn nies anki aktar , wiehed igib lill-iehor.

**In kontro-ezami** l-appellant beda' biex jixhed li jiftakar li l-Pulizija kienu marru mieghu id-dar meta ghamlu s-search imma ezattament x' sabu dak in-nhar ma jafx. Ghad-domanda tal-prosekutur :-

***"Jigifieri ma kienux urewk x' sabu?"***

**wiegeb bl-aktar mod nebuluz** ***:***

***"Qalli hares hawnhekk sibna xi affarijiet. Ghjidtlu x' kienu? Jien u dak in-nhar jien veru qas kont naf x' qed isir ghax ifhem jien dawn l-affarijiet Sir qatt ma kelli x' naqsam maghhom u meta inti tghidli ghandek x' taqsam ma xi haga li ma ghandekx x' taqsam maghha***

***u imbaghad tigix tghidli ma tibqax tirraguna dak il-hin , jitla' raxx ghal rasek u ma tibqax tirraguna . Tirraguna mhux fis-sens hazin jigifieri."***

Mistoqsi jekk jiftakarx li fuq il-gradenza kien hemm pillola rosa u li qalulu li kienu sabuha l-Pulizija, l-appellant wiegeb :

***"Pillola rosa niftakar u nahseb nista nghidlek x' kienet dik il-pillola rosa , Jien inbati bl-asthma u kelli zmien certu medication…."***

**Mistoqsi :** ***"Kien hemm ukoll minn gol-komodina tal-kamra tas-sodda kien hemm bicca sustanza, blokka li wara rrizultat li kienet raza tal-cannabis. Tiftakar jekk kienet hemm din?"***

**Wiegeb : "*Le Sir ma niftakarx dan . Jien nista' nghidlek li mhux tieghi mija fil-mia."***

Illi fuq dawn il-provi, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li kienet pruvata t-tieni imputazzjoni dwar pussess tar-raza tal-cannabis ghaliex irriteniet li kien hemm rabta bejn l-esebit 04 ABE 06 u l-appellant. Fil-waqt li l-Ewwel Qorti kkoncediet il-beneficcju tad-dubju lill-appellant dwar ir-raza li instabet fil-van fil-Bahrija, aktar kmieni dak in-nhar stess filghodu, kkonkludiet li fir-rigward ta' dik li nstabet fuq il-komodina tal-kamra tas-sodda tad-dar tal-appellant , u cioe' l-aktar parti intima tad-dar tieghu , ma setghetx taccetta l-ispjegazzjoni li pprova jaghti l-appellant li din seta halliha xi hadd minn dawk li kienu jidhlu go daru jghinuh. L-Ewwel Qorti ikkummentat b' mod ferm pertinenti *"Huwa ukoll xi ftit straordinarju li kull fejn ikun hemm l-imputat – fil-van u fid-dar – tinstab id-droga u kull darba jkun hemm xi imma*." Din il-Qorti tikkondividi dan il-kumment u jidher li l-ispjegazzjonijiet li pprova jaghti l-appellant biex jispjega l-prezenza tad-droga go daru mhumiex konvincenti lanqas sal-grad tal-probabbli rikjest mill-ligi. Jinghad spjegazzjonijiet ghax fil-waqt li fl-istqarrija tieghu pprova jaghti l-impressjoni li din kien poggiehielu hemm xi hadd biex jinkriminah, meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti qal biss li din seta' halliha hemm xi hadd

minn dawk li kienu jmorru d-dar tieghu jghinuh f’ xogholu. Ikun ferm illogiku li xi hadd minn dawk li kienu jigu jghinuh joqghodu jpoggulu d-droga fuq il-komodina biex jinkrimiawh jekk dawn kienu hbieb tieghu verament. L-istess xejn mhu probabbli li jekk xi hadd minn dawn in-nies kellhom id-droga – droga li normalment tiswa l-flus tajba - li dawn ser joqghodu jhalluha warajhom fuq il-komodina tal-kamra tas-sodda tieghu. Ghalhekk tikkondividi l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti li dawn l-ispjegazzjonijiet mhumiex attendibbli.

**Illi ghalhekk din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi traskritti ma tara li hemm ebda raguni impellenti biex tiddisturba l-apprezzament ta’ fatt maghmul mill-Ewwel Qorti. Fuq dawn il-fatti l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha fil-kaz tat-tieni imputazzjoni w ghalhekk id-diskrezzjoni taghha fuq l-apprezzament tal-fatti m’ ghandhiex tigi disturbata.**

**Fit-tieni aggravju jissemma ukoll li mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta li t-tfittxija fid-dar tal-appellant saret wara d-19 ta’ Settembru, 1999 u ghalhekk, se mai, l-pussess ikun jirrisali ghal data differenti minn dik indikata fic-citazzjoni. Illi din il-lanjanza tal-appellant hija infondata fattwalment ghax mill-provi hu assodat minghajr ebda dubju li s-*search* saret proprju fid-data indikata fic-citazzjoni u cioe’ d-19 ta’ Settembru, 1999 u mhux wara dik id-data kif jallega l-appellant fir-rikors tieghu.**

**Ghalhekk it-tieni aggravju dwar il-mertu qed jigi ukoll respint.**

**Illi it-tielet u l-ahhar aggravju dwar il-piena hu manifestament infondat ghaliex l-Ewwel Qorti, meta kellha l-ghazla li, skond l-artikolu 22 (2) (b) (ii) tal-Kap.101, jew tikkunndanna lill-appellant ghall-piena ta’ prigunerija ta’ mhux inqas minn tlitt xhur u mhux izjed minn tnax il-xahar, jew ghall-piena tal-multa ta’ mhux inqas minn LM200 u mhux izjed minn LM1000 jew addirittura ghall-piena ta’ prigunerija w tal-multa**

**flimkien, ghazlet proprju l-aktar alternattiva vantagguza ghall-appellant** billi applikat biss il-piena tal-multa u dan fi grad sahansitra inqas fil-minimu taghha, ghax applikat favur l-appellant l-artikolu 29**. Fic-cirkostanzi kienet altru milli benevolenti l-Ewwel Qorti meta applikat dan il-beneficcju meta fil-fatt ma jidhirx li kienu jezistu l-estremi rikjesti mill-ligi biex jigi applikat. Umbaghad is-sottomissjoni li ghamel l-appellant dwar il-mod kif jigu trattati imputati li jaghmlu ammissjoni bikrija w ohrajn li jikkontestaw, apparti li hija manifestamnent irrilevanti f' dan il-kaz ghax l-ewwel Qorti b' ebda mod ma semmiet dan il-fattur, hija ukoll infondata meta wiehed iqis li l-Ewwel Qorti sahansitra erogat piena inqas mill-minimu tal-piena legalment possibbli. Ghalhekk li l-appellant jghid li din il-piena hija eccessiva jirrazenta l-appell fieragh.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------